# 62. In-Nagħġa

Sliem għalik, Nagħġa ħanina,
int magħżula fost il-bhejjem;
int għal ħadd ma tħebb u taħbat,
inti twajba u mansa dejjem.

Inti qrun m'għandekx ta' barri,
u ta' lupu m'għandekx snien;
int biż-żewġ lanqas ma tagħti,
lanqas semm m'għandek fl-ilsien.

Inti tlibbes bis-suf tiegħek;
titma', tisqi bil-ħalib;
inti deni qatt ma tagħmel,
u fil-ġid il-għaxqa ssib.

Alla ried illi jixxiebah
mar-Ragħaj twajjeb li fix-xagħra
imexxik sabiex int tirgħa,
u inti x-xbieha tal-insara;

U lil Ibnu ried li jsejħu
Ħaruf t'Alla tliet darbiet;
nitolbuh sabiex inaddaf
lir-ruħ tagħna mid-dnubiet.